# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 134/2014 MH**

**Illum, 3 ta' Ottubru, 2018**

**Louis Spiteri (K.I. Nru. 367761M) u martu Diane Spiteri (K.I. Nru. 165371M) ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Citadel Insurance plc, Samuel Costa (K.I. Nru. 0135362 M) u Ryan Farrugia (K.I. Nru. 0133796 M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi tat-12 ta' Frar 2014** li permezz tiegħu ppremettew:

1. *"Illi fit-2 ta' Mejju 2012 ghall-habta ta' 7.20am f'Telghet Kordin, Paola sehh incident stradali bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBJ-428 misjuqa mill-intimat Samuel Costa [assikurata mal-intimata Citadel Insurance plc], u li fiha l-intimat Ryan Farrugia kien riekeb bhala passiggier, u l-mutur Honda bin-numru ta' registrazzjoni FAL-934 misjuq*

*mir-rikorrent Louis Spiteri – road accident report anness u markat bhala Dokument A.*

2. *Illi dan l-incident sehh unikament minħabba nuqqas ta' diliġenza, prudenza u ħsieb, u bi traskuragni u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimati Samuel Costa u Ryan Farrugia, jew min minnhom, meta l-intimat Ryan Farrugia, b'istruzzjonijiet tal-intimat l-iehor Samuel Costa, qabad u fetah il-bieba tal-passiggier tal-vettura li fiha kien riekeb u laqat lir-rikorrent u l-mutur misjuq minnu bl-istess bieba, u qaleb lir-rikorrent u l-mutur ghal fuq vettura ohra.*

3. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident, gie kagunat korriment serju fuq il-persuna tar-rikorrent li wassal ghal dizabilita` permanenti, minbarra danni fil-mutur minnu misjuq u propjeta` tieghu {<u>li thallsu mis-socjeta` intimata Citadel Insurance plc</u>}, u r-rikorrent sofra danni b'konsegwenza ta' dan l-incident u l-korriment hemm minnu soffert. Qed jigi anness certifikat mediku rilaxxjat mill-konsulent ortopediku Anthony Bernard li qed jigi markat bhala Dokument B.*

4. *Illi l-intimati accettaw ir-responsabilita` ghal dan l-incident stradali, u sahansitra hallsu lir-rikorrent il-hsarat sofferti fil-mutur tieghu u spejjez ohra li gew inkorsi mir-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-incident u l-korriment soffert minnu. Qed tigi annessa email markata bhala Dokument C mibghuta mis-socjeta` intimata Citadel Insurance plc fejn qed taccetta r-responsabilita` ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza; u sussegwentement, kif gja inghad, l-istess socjeta` intimata Citadel Insurance plc sahansitra hallset parti mid-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-imsemmi incident stradali.*

5. *Illi izda l-intimati baqghu ma resqux 'l quddiem ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha li sofrew ir-rikorrenti b'konsegwenza ta' dan l-incident stradali.*

6. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjarahom unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq deskritt li sehh fit-2 ta' Mejju 2012 ghall-habta ta' 7.20am f'Telghet Kordin, Paola, u ghall-korriment konsegwenzjali soffert mir-rikorrent, u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent/i b'konsegwenza ta' dan l-incident stradali u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lill-intimati sabiex solidalment ihallsu lir-rikorrent/i d-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-4 ta' Novembru 2013, u l-ittra ufficcjali li qed tigi pprezentata kontestwalment kontra l-intimata Citadel Insurance plc, u bl-intimati kollha minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenuti Citadel Insurance p.l.c., Samuel Costa u Ryan Farrugia tat-18 ta' Marzu 2014**[1] li permezz tagħha ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*"1. Fl-ewwel lok illi l-intimati Ryan Farrugia u Samuel Costa gew imharrkin ghal xejn f' dawn il-proceduri u dan ghaliex 'ex admissis' jinsab indikat mill-attur li l-intimati, inkluza s-socjeta' intimata Citadel Insurance p.l.c. diga' accettat ir-responsabbilita' ghall-incident 'de quo' u affettwat pagamenti fuq l-istess. Certament li ma kienx necessarju li jigu intimati f' dawn il-proceduri is-sewwieq u il-passiggier tal-vettura assikurata mis-socjeta' intimata tenut kont ta' dak li jinsab premess mill-istess atturi permezz tar-rikors mahluf taghhom. Ghaldaqstant l-ispejjez kollha relatati mat-talbiet in kwantu jinsabu indirizzati kontra l-intimati Samuel Costa u Ryan Farrugia ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi.*

*2. Fit-tieni lok l-ispejjez relatati mal-ewwel talba attrici ghandhom jigu sostnuti wkoll mill-atturi tenut kont tas-surreferit.*

*3. Fit-tielet lok u wkoll minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-eccezzjonijiet hawn imressqin lanqas m ghandhom l-intimati jissaportu l-ispejjez tal-kawza odjerna tenut kont li kien biss minhabba l-fatt li l-assikurazzjoni tal-attur irrifjutat li tghaddi lis-socjeta' intimata Citadel Insurance plc id-dokumentazzjoni kollha minnha mitluba li l-atturi ma thallsux ta' kwalunkwe danni ulterjuri allegatament sopportati minnhom.*

*4. Illi, fi kwalunkwe kaz, l-atturi ghandhom issa jippruvaw id-danni kollha minnhom reklamati, inkluz billi jezebixxu proprju d-dokumentazzjoni kollha mitluba mis-socjeta' intimata.*

[1] Fol 26 et seq

*5. Illi l-eccezzjonijiet qeghdin jigu hawnhekk imressqin ilkoll minghajr pregudizzju ghal xulxin.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet.

Rat ir-rapport tal-perit mediku maħtur minnha Mr Carmel Grixti li ġie nkarigat sabiex jirrelata dwar id-dizabilita' permanenti tal-attur[2]

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet u semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom.

Rat illi l-kawza giet differita ghall-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum nhar it-2 ta' Mejju 2012 f'telgħet Kordin Raħal Gdid seħħ inċident stradali bejn il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAL – 934 misjuq mill-attur Louis Spiteri u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBJ – 428 misjuqa mill-konvenut Samuel Costa u li fiha kien hemm il-konvenut l-ieħor Ryan Farrugia bħala passiggier. Skont l-atturi l-inċident ġara meta l-passiggier fil-vettura tal-konvenut fetaħ il-bieba tan-naħa tal-passiggier, allegatament fuq struzzjonijiet tal-konvenut l-ieħor, u bl-istess bieba dan laqat lill-attur li dak il-ħin kien għaddej bil-mutur tiegħu bil-konsegwenza li qaleb kemm lilu kif ukoll lill-mutur fuq vettura oħra. Il-mutur ġarrab ħsarat (li fil-frattemp ġie msewwi a spejjez tas-soċjeta' assikurattiva konvenuta) izda, ikomplu l-atturi, il-konvenuti

[2] Digriet tal-hatra a fol 33

ma ħallsux għad-danni li sofra l-attur kawza tal-inċident u li kkawzawlu dizabilita' permanenti.

Minn naħa l-oħra għalkemm il-konvenuti aċċcettaw ir-responsabbilta' għall-inċident huma rribattew li kien tort tas-soċjeta' assikurattiva tal-attur li baqgħet m'għaddietx id-dokumentazzjoni kollha mitluba dwar id-danni ulterjuri allegatament subiti mill-atturi. Huma saħqu għalhekk li l-atturi għandhom iġibu prova tad-danni kollha minnhom pretizi u li huma m'għandhomx ibatu l-ispejjez.

**A. PROVI**

i. **L-attur Louis Spiteri** xehed[3] li fit-2 ta' Mejju 2012 għall-habta ta' 7.20am f'Telgħet Kordin, Paola seħħet ħabta bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBJ-428 misjuqa mill-konvenut Samuel Costa [assikurata mal-intimata Citadel Insurance plc], u li fiha l-konvenut l-ieħor Ryan Farrugia kien riekeb bħala passiggier, u l-mutur Honda bin-numru ta' registrazzjoni FAL-934 misjuq mill-attur. L-attur qal li dan l-inċident seħħ tort tal-konvenuti Samuel Costa u Ryan Farrugia, jew min minnhom u dan peress li l-konvenut Ryan Farrugia fuq struzzjonijiet tal-konvenut l-iehor Samuel Costa, qabad u fetaħ il-bieba tal-passiggier tal-vettura li fiha kien riekeb u laqat lill-attur u l-mutur misjuq minnu bl-istess bieba, u qaleb kemm lilu kif ukoll il-mutur għal fuq vettura oħra.

L-attur jgħid li b'rizultat ta' dan l-inċident huwa sofra korriment serju fuq persuntu li wassal għhal dizabilita` permanenti, minbarra danni fil-mutur minnu misjuq u propjeta` tiegħu. Għalkemm eventwalment is-soċjeta' konvenuta

[3] Affidavit a fol 65 et seq

Citadel plc kienet ħallsitu s-somma ta' €150[4] għall-ħsarat li saru fuq il-mutur, huwa baqa' ma ngħata xejn mid-danni l-oħra kagunati lilu u għalhekk kellu jiftaħ il-kawza kontra t-tlett konvenuti għaliex l-istess soċjeta' konvenuta qatt ma uriet li kienet lesta tħallsu għal dawk id-danni li huwa sofra u li qed jitlob f'din il-kawza, u naturalment lanqas il-konvenuti l-oħra.

L-attur caħad li Citadel baqgħet ma ħallsitux il-bqija tad-danni minnu sofferti għax *"l-assikurazzjoni tal-attur irrifjutat li tghaddi lis-socjeta' ntimata Citadel Insurance plc id-dokumentazzjoni kollha minnha mitluba"* kif wieġbet Citadel f'din il-kawza. L-attur insista li l-assikurazzjoni tiegħu ma kellha x'taqsam xejn mal-ħsarat li hu sofra fuq il-persuna tiegħu u t-telf tas-salarju sakemm dam korrut. Kien l-attur li beda jikteb lill-konvenuti direttament bl-avukat tiegħu imma baqa' bla risposta. Anke meta mar jigbor iċ-ċekk ta' €150 qatt ma talbuh xi dokumenti jew informazzjoni oħra.

Meta s-soċjeta' konvenuta Citadel kienet aċċettat li tħallas il-€150 tal-mutur, huma kienu talbuh biex jiffirma dokument li permezz tiegħu kien ikun qed iċedi għal kull danni oħra minnu sofferti fil-konfront ta' Citadel u tal-assikurat/i tagħha, liema klawsola ma kinitx ġiet aċċettata mill-attur b'dana li sussegwentement is-soċjeta' konvenuta rrinunzjat għaliha. B'hekk il-partijiet qablu li l-attur irċeva l-ħlas ta' €150 bla pregudizzju għall-bqija tad-danni pretizi minnu, kif fil-fatt sar[5].

L-attur qal li apparti l-punti li sarulu f'subghajħ iż-żgħir ta' idu l-leminija hu kien ġie operat minn Mr Anthony Bernard f'irkopptu x-xellugija. Dan wara li saqajh bdiet tibbies u ma setax iċċaqlaqha ukoll li ma setax jimxi u l-konsulent ortopediku qallu li l-uniku rimedju li kellu kien li jiġi operat. Huwa sofra minn dizabilita' permanenti fuq persuntu kif iċċertifikaw Mr Anthony Bernard u Mr Charles Grixti.

---

[4] Ricevuta a fol 70

[5] Discharge Form a fol 71

L-attur spjega n-natura tax-xogħol tiegħu fejn  jahdem kien wieħed ta' strapazz u perikoluz; tant li dan  huwa rifless fl-ammonti li jithallsu bħala paga. Qal li ma kienux  jingħataw *light duties* – jew wiehed jaħdem u jagħmel ix-xogħol kollu li jiġi mitlub biex jagħmel jew inkella ma jistax jattendi fuq il-post tax-xogħol u jiġi sostitwit b'ħaddiem liċenzjat tax-xatt ieħor li jkun f'saħħtu bis-sistema tar-roster li juzaw. Spjega li hu kien jifforma parti minn grupp ta' ħaddiema licenzjati tax-xatt konsistenti  madwar 380 ħaddiem tax-xatt licenzjat. Skont il-ligi x-xogħol tal-port seta' isir minn dan il-grupp ta' ħaddiema biss.

L-attur spjega li hemm diversi xogħlijiet li jiġi assenjat biex jagħmel fosthom sewqan ta' trakkijiet kbar magħrufa bhala *tug masters* li jiġbdu karrijiet li fuqhom ikollhom mgħobbija l-*containers* u *heavy loads* ohra; xogħol ta' lattjar/*lashing* li huwa l-proċess li bih il-merkanzija, ħafna drabi *containers*, tiġi marbuta b'irbit appozitu mill-haddiema tax-xatt mad-*deck* tal-vapur għal waqt il-vjagg bil-baħar filwaqt li *unlashing* huwa l-proċess li bih jinħall tali rbit. Jixhed li dan huwa proċess ta' xogħol iebes u perikoluz, li  l-ambjent tax-xogħol hu perikoluz tant li jekk    taljena rasek sekonda facli tkorri. Spejga li jinħtieġ li terfa oggetti tqal fosthom vireġ tal-ħadid twal biex tagħmel ix-xogħol, taħdem fi spazju limitat partikolarment meta tkun qed taħdem fuq bastiment u li  trid tintuza forza fizika f'kull ħin tax-xogħol.

Żid li  baqa' ma daħalx għax-xogħol fuq ordnijiet ta' Mr Anthony Bernard u l-fizjoterapista tiegħu. Kien jaf li ma kienx fi stat tajjeb li jaħdem izda wasal f'punt fejn ma setax jibqa' d-dar għax kien qed jitlef ħafna flus għalhekk  daħal għax-xogħol kif seta'. Jgħid ukoll li kieku ma kienx għall-għajnuna ta' sħabu li magħhom jaħdem fi gruppi u għal ibnu li hu wkoll ħaddiem tax-xatt, ma kienx ikun kapaċi jagħmel ix-xogħol kollu li jingħatalu.

Wara li seħħ l-inċident huwa dam barra mix-xogħol minħabba l-korriment mit-2 ta' Mejju 2012 sal-25 ta' Marzu 2013. B'dan lit-telf t'introjtu f'dan il-perjodu laħaq is-somma ta' €100,652.85.

Fil-perjodu ta' korriment hu baqa' jirċievi xi ħlasijiet li jammontaw għal €14,540.28, liema ħlasijiet irċeva bħala benefiċċji soċjali u assikurazzjoni li hu (bħal ħaddiema oħra tax-xatt) ħallas għalihom privatament. Spjega li tali assikurazzjoni privata taħseb biex f'kaz ta' korriment ta' ħaddiem liċenzjat tax-xatt, kemm jekk il-korriment iseħħ fuq il-post tax-xogħol jew x'imkien ieħor, ikollu ammont ta' introjtu garantit biex ikun jista' jgħix.

Kieku ma korriex, l-attur iddikjara li kien jaqla' s-somma ta' €100,652.85. Il-qliegħ mitluf hu wieħed fattwali u ċioe' l-qliegħ li attwalment qala' wieħed minn sħabu fil-perjodu li suppost ħadem miegħu kieku ma korriex. Żid li kieku ma korriex kien ikollu l-istess opportunita' u disponibilita' tax-xogħol biex jaħdem u jaqla' daqsu jekk mhux aktar minnu.

L-attur żied jgħid li hu kien ħaddiem biezel ħafna u li qatt ma kien jirrifjuta xogħol. Ix-xogħol tagħhom huwa wieħed garantit peress li skont il-ligi huma biss jistgħu jagħmlu x-xogħol tal-port.

Fis-sena ta' qabel l-inċident u ċioe' fl-2011 huwa qala s-somma ta' €75,015 u l-istess ammont fis-sena 2010. Fis-sena 2014 huwa qala' €94,000. Qal li x-xogħol tal-port qed jiżdied u l-qliegħ li daħħal fis-sena preċedenti kien minkejja l-limitazzjonijiet li għandu f'saħħtu għax kellu potenzjal li jaħdem izjed peress li kif qal ix-xogħol żdied u kien hemm opportunitajiet biex jaqilgħu flus tajba.

Hu nefaq numru ta' spejjez oħra minħabba l-korriment li sofra u l-kura li kellu jieħu.

**In kontro-ezami**[6] l-attur xehed fost oħrajn li kien xi żmien wara li mar għand is-soċjeta' konvenuta dwar il-ħlas tal-mutur huwa (u ċioe' ftit wara l-inċident) li bdiet tillokjalu saqajh u wara minħabba f'hekk li fittex l-għajnuna tal-professur Bernard u li b'dan huwa kien informa b'dan lis-soċjeta' konvenuta. Mitlub jikkonferma jekk malli infurma lis-soċjeta' konvenuta dwar l-uġiegħ f'saqajh

[6] Fol 115 et seq

huma kienu talbuh jgħaddilhom karti jew rapport tat-tabib kull meta dawn jingħatawlu, huwa ċahad li saritlu tali rikjesta. Huwa kkonferma fil-fatt li qatt ma kien bgħatilhom ċertifikati ta' Mr Bernard. Qal li hu kellu l-uġiegħ, mar għand il-professur, rah u operah. Żied jgħid li sadanittant is-soċjeta' assikurattiva Laferla li magħha kienu nxurjati żammitlu l-ħlas ukoll u meta talabha spjegazzjoni għal dan qalulu li għax qabez l-ammont. Hu lmenta magħhom li dak li ġara ma kienx tort tiegħu u safejn jaf hu s-soċjeta' Laferla kellha anke tfittex lil Citadel fuq din il-biċċa xogħol. L-attur ikkonferma wkoll li hu kien ressaq *claim* mas-soċjeta' assikurativa Laferla u ħa rifuzjoni ta' ħlasijiet li kien għamel lill-professur u kontijiet ta' pilloli. Pero' ma setax jiftakar kemm kienet is-somma li rċeva.

Mistoqsi jispeċifika għall-liema tip ta' uġiegħ qed jippretendi kumpens fil-kawza huwa saħaq li qed ifittex għall-persentagg dizabilita' li huwa ġie meqjus li sofra b'rizultat tal-inċident.

Huwa kkonferma li l-operazzjoni preċedenti li kienet saritlu fl-istess irkoppa kienet saret xi 5 jew 6 snin qabel. Dan seħħ għaliex kien niezel ġo vapur u sfronda passagg bih.

Dwar l-istatus tiegħu bħala xogħol hu qal li kien jitħallas skont ix-xogħol li jagħmel bil-konsegwenza li meta ma jidħolx xogħol ma jitħallasx. Ikkonferma wkoll li sena wara li rega' daħal għax-xogħol huwa mar għall-aħjar u rnexxielu jaħdem izjed u qala izjed flus.

L-attur spjega li biex wieħed isir ħaddiem tax-xatt hemm sistema ta' liċenzja li tintiret.

ii. Permezz ta' **email datata 29 ta' Mejju 2012**[7] is-soċjeta' assikurattiva konvenuta Citadel Insurance plc aċċettat it-tort għall-incident stradali mertu tal-proċeduri odjerni;

ii. Skont **ċertifikat mediku rilaxxjat mill-konsulent ortopediku *ex parte* Mr Anthony Bernard**[8] ġie konkluz li –

*"Mr Spiteri has had previous left knee surgery for ligamentous injury with suture of a medical collateral ligament. He had not suffered from instability or knee pain and was able to do heavy work on containers at a height off the ground which required strength and agility.*

*Following the injury in May 2012 he had pain and giving way. At surgery medial and lateral meniscal tears and a tear of the anterior cruciate ligament were found and the torn menisci were excised and the cruciate ligament reconstructed.*

*Mr Spiteri was able to return to work after rehabilitation at a lower level but was not able to resume his previous work and is limited by pain both at work and on exertion and using stairs.*

*I therefore rate his permanent disability following this injury at 10% (ten percent)."*

iii. Fix-xhieda tiegħu *viva voce* quddiem il-Qorti Mr Bernard qal[9] li l-attur kellu ħsara fil-*ligaments* tal-irkoppa. Spjega li l-attur kien iħoss uġiegħ u laxkezza fl-irkoppa. Ix-xhud qal li kien għamillu indagni permezz ta' MRI u instab li kellu *cruciate ligament* maqtugħ ghal kollox ukoll lill-*cartilages* kemm ta' ġewwa u ta' barra kienu ugwalment maqtugħin. Konsegwenza t'hekk kellha ssirlu operazzjoni fejn saritlu rikostruzzjoni tal-*cruciate ligament*. Dan ġara billi

[7] Fol 14
[8] Fol 12 et seq
[9] Fol 50 et seq

ħadulu *tendons* u rabtuhomlu mal-għadam flok il-*ligaments*. Żid li sakemm dan jintegra ruhu fl-irkoppa kellu jħaddi ċertu ammont ta' żmien, ċirca xi disa' xhur. Qal li bit-trapass taż-żmien it-tendons terga' ssir *ligament*. Qal ukoll li seta' jsir *artificial ligament* li għalkemm għal bidu tkun soda, imma biż-żmien hemm il-*wear and tear*. Komppla li nonostante r-rijabilitazzjoni li saret ma jfissirx li *ligament* ser issir soda aktar malajr. L-operazzjoni saret fit-12 ta' Gunju 2012. Ix-xhud rega' ra lil Louis Spiteri u kkonferma li issa l-*ligament* tiegħu issodat wara proċess ta' riabilitazzjoni li jinkludi l-fizjoterapija. Qal ukoll li kien jiħtieg perjodu ta' ċirca 9 xhur biex il-*ligament* jissoda bizzejjed biex wieħed ikun jista jagħmel stress fuq l-irkoppa.

Ix-xhud qal ukoll li fl-istadju li ħejja ċ-ċertifikat mediku esibit in atti, l-attur kien għadu qed jirkupra u li sa dak l-istadju ma kienx għadu fizikament tajjeb biex jirritorna lura għax-xogħol.

Żied jixhed li in segwitu għal dak iċ-ċertifikat huwa ma kienx reġa ra lill-attur.

Spjega li ħsara fil-*cartilage* twassal biex pazjent ikollu nuqqas ta' stabbilita' f'saqajh u fl-irkoppa u li konsegwenza ikollu aktar *wear and tear* u b'referenza għall-attur dan  peress li fl-operazzjoni bilfors kellhom ineħħulu l-partijiet tal-*cartilage* li kienu danneggjati. Qal fir-rigward tal-*cartilage* li tnehhielu li ma kien hemm xejn xi jsir u li  ma għamlu xejn flokha. Din tista' twassal għal artrite. L-10% qed tillimita l-attivita' tal-pazjent; anke l-ugiegh. Qal ukoll li l-attur kellu wkoll ħsara preċedenti għax ċirca tnax il-sena qabel l-*injury* in kwistjoni huwa kien għamel operazzjoni oħra fuq il-*ligament* ta' barra tal-istess irkoppa. Pero' x-xhud ikkjarifika li din il-ħsara huwa ħadha in konsiderazzjoni meta stabilixxa l-persentagg ta' dizabilita' permanenti fuq l-attur tant li ma tahx persentagg ogħla proprju minħabba f'hekk. Qal illi li kieku l-attur ma kellux dan l-intervent preċedenti il-persentagg li kien jaghti kien ikun aktar ogħla minn 10%.

iv. Xehed **George Ciantar, *Manager* fi hdan Transport Malta**[10]. Huwa qal li jaħdem fl-uffiċċju tal-ħaddiema tal-port u kkonferma li Transport Malta tiġbor ukoll id-drittijiet tal-ħaddiema tal-port b'dana li Transport Malta tħallas lil dawn il-ħaddiema tax-xogħol li jagħmlu. Huwa kkonferma wkoll li għal dak li għandu x'jaqsam mat-tqassim tax-xogħol lill-ħaddiema tal-port – issir ordni għax-xogħol gurnata qabel jew mill-*foreman* jew mit-*terminal operators*. Din l-ordni ssir personalment l-uffiċju. Meta tidħol l-ordni, huma jassenjawlu n-numru ta' nies li jkun hemm bżonn.

Għal dak li għandu x'jaqsam max-xogħol li jsir fil-Valletta Gateway Terminals, huwa l-*foreman* li jgħidlu n-numru ta' ħaddiema tal-port li jkollu bżonn. Dan ikun jiddependi mit-tip ta' bastiment u xogħol illi jkollu bżonn jinħatt. Ix-xogħol jinħadem fi gruppi u x-xogħol jitqassam bejniethom.

Qal li fil-Port Ħieles ix-xogħol huwa ta' natura differenti pero' xorta jsir mill-ħaddiema tal-port.

Dwar l-attur Louis Spiteri qal li dan kien  jaħdem kemm fil-*Valletta Gateway Terminals* kif ukoll fil-Port Ħieles.

Ix-xhud ta rendikont tal-introjtu tal-attur. Qal li l-FS3 jinħareg minnhom u fl-2011 l-attur qala s-somma ta' €75,015, li ħa wkoll is-somma ta' €14,540 bħala benefiċċju għall-korriment mingħand Transport Malta stess.

Kull gimgħa l-attur kellu jipprezentalhom ċertifikat mediku kull gimgħa biex jiggustifika l-assenza tiegħu mix-xogħol u hu kien bagħtilhom iċ-ċertifikati kollha. Darba f'xahar kien ikollhom bżonn ukoll certifikat mediku tal-konsulent konċernat bil-kura ta' l-attur.

Ix-xhud iddeskriva lill-attur bħala ħaddiem ezemplari u wieħed li jirrispondi għax-xogħol kollu li jiġi assenjat lilu. Għal dak li jirrigwarda x-xogħol ta'

[10] Fol 37 et seq

ħaddiem tal-port spjega li ma kienx hemmx il-kunċett ta' *light duties*. Hi l-ligi li tipprovdi li port worker irid ikun fizikament b'sahhtu u *fully fit*. Qal li bl-*injuries* li sofra l-attur ma jistax jaħdem ix-xoghol tal-port.

iv. Fir-**rapport redatt mill-espert mediku mqabbad mill-Qorti Mr Charles Grixti**[11] ingħad li l-ilment preżenti tal-attur huwa li jsib diffikulta' meta jtella' t-trakk fuq il-vapur u jkun irid jorbot it-trakk bil-ktajjen. Għandu wkoll diffikulta' biex jitla' u jinżel it-tarag jew fuq is-slielem u biex jitla' u jinżel minn fuq trakk. Isibha diffiċli biex jinżel kokka. Jgħid li ma jistax jiġri u jista' jimxi biss għal xi nofs siegħa.

Il-konkluzjoni tal-perit mediku wara li investiga l-istorja medika tal-attur kif ukoll sarlu l-ezami kliniku kienet li l-attur sofra grieħi fl-irkoppa x-xellugija meta ntlaqat mill-van waqt li kien qed isuq il-mutur tiegħu fit-2 ta' Mejju 2012. Huwa sofra ħsara fl-irkoppa x-xellugija li għaliha ġie operat fit-12 ta' Gunju 2012. Il-perit mediku kompla jgħid li –

*"Spiteri rkupra sew mill-operazzjoni li ghamel u ghandu stabbilita' tajba fil-ligamenti kollha fl-ikoppa x-xellugija. Il-muskolu tal-quadriceps tax-xellug huwa mahlul u ghadu ma rkuprax il-volum u s-sahha tieghu. L-istess irkoppa x-xellugija ghadha ma tistax titghawweg bi shih. La darba ma rkuprax s'issa, sentejn wara l-operazzjoni, mhux se jirkupra d-dizabilita' li ghandu.*

*Kagun ta' dan Spiteri ghadu jsib diffikulta' biex jinzel kokka, jaqbez minn fuq it-trakk u biex jitla' u jinzel skaluni gholja."*

Il-perit mediku stabilixxa **dizabilita' permanenti ta' 5%** li minnha qed isofri l-attur kawza tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

[11] Fol 54 et seq

v. Xehed **Tonio Agius, fizjoterapista**[12], li għandu kien jattendi l-attur minn Gunju 2012. L-ewwel beda jassistih meta kien għadu rikoverat l-isptar. Wara li l-attur saritlu l-operazzjoni bdew sessjonijiet ta' fizjoterapija fejn bdew jaħdmu fuq il-mixja tiegħu u r-*range of motion* tal-irkoppa. Qal li kien jiltaqa' mal-attur ċirca kull ħmistax biex jara xi progress ikun għamel. Qal ukoll li fil-gurnata tal lum ma hemmx bżonn il-presenza tiegħu meta l-attur jagħmel l-ezerċizzju. Fl-opinjoni tax-xhud sa issa, il-muskolu tal-koxxa tas-sieq affetwata baqa' fjakk.

vi. Xehed **Michael Borg Costanzi, Kap tal-Motor *Claims Section* tas-socjeta' konvenuta**[13]. Huwa kkonferma li t-tiswijiet li kellhom isiru fuq il-mutur tal-attur tħallsu kollha. Huwa qal li għalkemm l-assikurazzjoni kienet aċċettat ir-responsabbilta' għall-inċċident xorta baqgħet il-kontestazzjoni tagħhom dwar il-likwidazzjoni tad-danni li l-attur kien qed jippretendi għal dak li jikkonċerna s-saħħa tieghu.

vii. Xehdet **Jennifer Gatt, Chief Operations Officer tas-socjeta' konvenuta**[14]. Qalet li l-involvment tagħha fir-rigward tal-kaz tal-attur beda meta Robert Baldacchino, li dak iż-żmien kien *General Manager* ta' Laferla Insurance, beda jikkorrispondi magħha, wara li l-*claims handler* li inizjalment kienet qed taħdem fuq il-*claim* tal-attur ma baqgħetx taħdem magħhom. Laferla Insurance kitbulhom fil-11 t'Ottubru 2012, hawn talbuhom iħallsu għal spejjez tat- trattament mediku li kien irċieva l-attur kawza tal-inċident. Fis-7 ta' Novembru 2012 Robert Baldacchino bgħatilhom *email* fejn kien avzaha li l-*claim* kienet waħda ta' €5,929.33 oltre €83.33 dovuti direttament lill-attur u talab lil-*claim* tissolva sal-aħħar tax-xahar.

Żid dan ix-xhud li bħala parti mill-proċedura normali segwita s-socjeta' konvenuta talbet għad-dokumentazzjoni kollha neċessarja biex tiġi proċessata l-

[12] Fol 110 et seq
[13] Fol 111
[14] Affidavit a fol 131

*claim*. Jgħid lis-soċjeta' konvenuta rċeviet uhud mid-dokumenti iżda talbet spjegazzjoni tagħhom biex torbot dawn mal-incident *de quo*.

Ix-xhud ġiet infurmata li meta f'Mejju 2012 l-attur kien mar biex jagħmel il-*claim* mas-socjeta' tagħhom huwa kien qal li dakinhar tal-incident wegga' subghajh u saqajh. Tgħid li għalkemm l-attur intalab biex izommhom infurmati dwar kura u mediċina li kien qed jieħu u jżomm l-irċevuti mediċi u rapport mediċi bħala prova, is-soċjeta' konvenuta ma regghet semghet xejn u għalhekk għalihom il-kaz ingħalaq.

Qalet li meta l-*General Manager* ta' Laferla Insurance f'Novembru 2012 talabhom il-pagament, il-kontijiet kienu jirrigwardaw uġiegħ fil-minkeb tal-attur jew *lumbalgia* – uġiegħ li kien għalhekk differenti minn dak li qalilhom l-attur originalment. Xehdet li f'isem il-kumpanija konvenuta hija talbet lil attur jikkonferma li l-grieħi li sofra kienu ċċertifikati minn tabib bħala kkagunati dakinhar tal-inċident tat-2 ta' Mejju 2012. Fi kliemha, Robert Baldacchino ma pprovdilhomx id-dokumentazzjoni mitluba u għalhekk is-soċjeta' llum konvenuta m'għamlet ebda pagament fir-rigward. Sussegwentement Laferla bdew proceduri legali kontrihom li għadhom pendenti. Qalet li huma kien mingħalihom li l-*claim* tal-attur kienet ser tieqaf hemm u sal-14 ta' Gunju 2013 (id-data meta Laferla fetħulhom il-kawza) ma kienet ġiet infurmata b'ebda *claim* oħra minn Louis Spiteri ħlief dik tramite *Laferla Insurance* ta' €5,929.33 għal danni materjali.

Kompliet li kienet għalhekk sorpriza meta hija ġiet infurmata li l-attur, għal rasu, kien bagħat ittra uffiċjali fl-4 ta' Novembru 2013 lill-assigurat tagħhom u kkopja lilhom fejn pretenda danni b'mod generiku, u oħra direttament lilhom biss tlett xhur wara fil-11 ta' Frar 2014 fejn talab €206,137.57. Imbagħad ftit granet biss wara ntavola l-kawza odjerna dan meta fir-rapport tal-pulizija, kif ukoll meta l-istess Louis Spiteri kien mar fl-uffiċċju tagħhom ftit jiem wara l-

incident, qatt ma wera jew qal li kellu grieħi li setgħu jiżvolgu f'dizabilita' permanenti.

In **kontro-ezami**[15] x-xhud ikkonfermat li d-*discharge form* li kienu taw lill-attur kienet tirreferi biss għall-ħlasijiet li jirrigwardaw il-ħsarat fil-mutur u kienet bla pregudizzju għall-pretensjonijiet li huwa seta' jressaq fir-rigward tal-persuna tiegħu. Qalet ukoll li meta si tratta ta' *personal injury* is-soltu huma jitrattaw direttament mat-terz.

## B. EĊĊEZZJONI PRELIMINARI

Fl-**ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom** il-konvenuti jsostnu li Ryan Farrugia u Samuel Costa tħarrku għalxejn f'dawn il-proċeduri. L-eċċezzjoni taqra hekk –

*"…… l-intimati Ryan Farrugia u Samuel Costa gew imharrkin ghal xejn f' dawn il-proceduri u dan ghaliex 'ex admissis' jinsab indikat mill-attur li l-intimati, inkluza s-socjeta' intimata Citadel Insurance p.l.c. diga' accettat ir-responsabbilita' ghall-incident 'de quo' u affettwat pagamenti fuq l-istess. Certament li ma kienx necessarju li jigu intimati f' dawn il-proceduri is-sewwieq u il-passiggier tal-vettura assikurata mis-socjeta' intimata tenut kont ta' dak li jinsab premess mill-istess atturi permezz tar-rikors mahluf taghhom."*

Minn naħa tagħhom l-atturi jirribattu din l-eċċezzjoni bl-argument li hija l-ligi stess li, f'kawzi ta' natura simili, tirrikjedi l-prezenza ta' kull min ikkawza l-ħsara.

[15] Fol 162 et seq

In linea ta' gurisprudenza, ingħad hekk fil-kaz **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciz fit-28 ta' Settembru 2016**[16] -

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-kaz fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009**[17] intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*

*Illi inoltre l-gurisprudenza tkompli hekk:*

*"Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-*

[16] Rik Gur 700/14
[17] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

*kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[18]**.**

*Inoltre fil-kaz* ***Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciz fit-3 ta' Ottubru 2008***[19] *inghad li -*

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, hija l-fehma tal-Qorti li din l-eċċezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Fl-ewwel lok anke mid-diċitura stess tal-eċċezzjoni in ezami jirrizulta li r-responsabbilita' għall-incident *de quo* f'dawn il-proċeduri qegħda tigi assunta mit-tlett konvenuti flimkien u mhux mis-soċjeta' konvenuta biss. Fil-fatt, fl-ammissjoni ta' responsabilta' fl-istess eċċezzjoni, l-konvenuti konguntivament jiddikjaraw li aċċettaw il-ħtija tal-inċident "**inkluza**" (u għalhekk mhux limitatament) is-soċjeta' Citadel Insurance plc li anke f'email tad-29 ta' Mejju 2012 kienet ukoll aċċettat ir-responsabbilta' għall-inċident in kwistjoni.

Dan kollu jingħad anke b'referenza għal dak li jipprovdi l-**artikolu 1031 et seq tal-Kodici Ċivili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** fejn kull wieħed huwa meqjus li jwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu u min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Jingħad ukoll li fi kwalunkwe kaz għalkemm l-**artikolu 9A tal-Att dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' terzi persuni (Kap 104 tal-Ligijiet ta'**

[18] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell
[19] Cit Nru 1236/07

**Malta)** jikkonċedi d-dritt lid-danneggjat li jfittex ukoll lis-soċjeta' assikurattiva ta' min ikun ikkawza d-dannu, dan ma jipprekludix l-azzjoni kontra l-istess persuna/i li jikkawzaw dannu bil-vettura assikurata.

Premess is-suespost l-eċċezzjoni hija miċħuda. Għall-istess ragunijiet u in kwantu hija konnessa mal-ewwel eċċezzjoni, anke t-tieni eċċezzjoni qegħda tiġi respinta.

## C. MERTU

Id-dinamika tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ma hemm ebda kontestazzjoni dwarha u r-responsabbilta' għall-inċident stradali *de quo* diġa' ġiet assunta fl-intier tagħha mill-konvenuti.

Isewgi li fiċ-ċirkstanzi **l-ewwel talba attriċi sejra tiġi akkolta.**

Jiġi osservat ukoll li b'rizultat ta' din l-assunzjoni ta' responsabbilta' l-ispejjez kollha relatati mat-tiswija tal-mutur proprjeta' tal-attur diġa' gew saldati mis-socjeta' assikurattiva konvenuta.

Għalhekk jifdal biss il-kwistjoni tad-danni allegatament sofferti mill-attur Louis Spiteri b'rizultat tad-dizabilita' permanenti li huwa sofra kagun tal-inċident.

**L-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi hekk -

*"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta'*

*qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib:*

*Iżda fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara:*

*Iżda wkoll li, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, meta danni kkawżati minn reat kriminali jiġu kommessi kontra minuri, il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-vittma tilħaq l-età maġġuri.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*

Fis-sistema tagĦna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[20] din il-Qorti diversament preseduta ġabret rassenja tal-prinċipji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija* ***"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"*** *– A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif*

[20] Rik Gur 836/01

*intqal fil-kawza* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *– A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." –* ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks****" P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tallucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat iżda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[21]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[22].*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which*

[21] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*
[22] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…..” (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"Jos Agius vs All Services Ltd."** (P.A. TM 1809/01 deciza fit-*

*2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Iżda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela"** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u **"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012)."*

B'applikazzjoni tal-prinċipji suesposti għall-kaz odjern il-Qorti tqis li minn evalwazzjoni tal-provi prezentati in atti l-attur sofra diversi konsegwenzi fuq sahhtu b'rizultat tal-inċident stradali tal-2012 li kkawzawlu danni li għalihom l-istess atturi qegħdin ifittxu l-likwidazzjoni u l-ħlas tagħhom.

**DAMNUM EMERGENS**

L-attur qiegħed jippretendi u jitlob s-segwenti danni materjali:

i) €86,112.57 – telf t'introjtu attwali
ii) €1,700 – spejjez ta' terapija
iii) €83.33 – spejjez mediċi oħra inkorsi

**Total: €87,895.90**

i) Għal dak li jirrigwarda **telf t'introjtu attwali**, l-attur jibbaza l-pretensjoni tiegħu fuq id-dokument maħrug minn Transport Malta li, kif spjegat minn George Ciantar, impjegat ta' Transport Malta, waslu għaċ-ċifra ta' €100,652.85 wara li sar paragun max-xogħol li kien ħadem kollega ta' l-istess konvenut li jifforma parti mill-istess grupp (*gang*) għall-perjodu bejn it-2 ta' Mejju 2012 sal-25 ta' Marzu 2013 u ċioe' l-perjodu li l-attur dam assenti mix-xogħol minħabba l-korriment soffert. Dan a bazi tal-fatt li fi kliem ix-xhud imsemmi George Ciantar *"Ix-xoghol li kellu suppost jahdmu Louis Spiteri, hadmu haddiehor*[23]*."*

Peress li l-attur irċieva s-somma **gross** ta' €14,540.28 bħala benefiċċju għall-korriment mingħand Transport Malta, huwa jikkonċedi li dan għandu jitnaqqas mis-somma msemmija ta' €100,652.85.

B'hekk il-bilanċ pretiż minnu huwa ta' **€86,112.57**[24].

Minn naħa tagħhom il-konvenuti jirribattu li d-danni attwali tal-attur m'għandhomx jinħadmu fuq iċ-ċifra ta' €100,652.85 għax din hija somma spekulattiva u ipotetika li saret b'paragun ma' ħaddiema oħra meta ma kien hemm ebda garanzija li hu kien ser ikollu xogħol daqs ħaddiema tax-xatt oħra.

Il-Qorti tqies li fl-ewwel lok kif anke ġie muri fl-atti tal-kawza, il-kuntest tax-xogħol tal-ħaddiema tax-xatt huwa wieħed partikolari ħafna għax mhux biss huwa wieħed li jista' jsir biss minn numru limitat ta' ħaddiema liċenzjati iżda wkoll huwa wieħed għal kollox regolari, stabbli u kontinwu tenut kont li dawn il-ħaddiema bejniethom u huma biss ikopru x-xogħol kollu tax-xatt f'Malta.

---

[23] Fol 38
[24] Vide dok a fol 41

Fl-isfond tal-premess, il-Qorti ma tikkondividix mad-difiza tal-konvenuti fis-sens li ma tqisx li s-somma maħduma minn Transport Malta giet kalkulata bl-addoċċ iżda bi tqabbil mal-introjtu ta' ħaddiem ieħor li kien jaħdem fl-istess *gang* tiegħu fil-perjodu relattiv għall-incident. Għalhekk il-pargun li sar hu wieħed hekk imsejjaħ *"like with like"*. Kif ingħad fix-xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta, il-*gang* li jifforma parti minnha l-attur tkun qed tagħmel l-istess tip ta' xoghol li jagħmel hu. Isegwi fil-fehma tal-Qorti li realistikament, iċ-ċifra ta' €100,652.85 tqarreb sew lejn dak li kien probabilment jaqla' l-attur li kieku ma kellux il-korriment kagun ta' l-incident stradali mertu tal-kawza odjerna. Għal dak li hu *quantum* jingħad ukoll li minn dak li ġie muri in atti, il-ħaddiema tax-xatt għandhom introjtu annwali sostanzjali meta mqabbel ma' ħaddiema oħra u għalhekk is-somma ndikata mhijiex waħda ezorbitanti fil-kuntest tal-kaz.

Iżda fil-fehma tal-Qorti u anke sabiex jintlaħaq bilanċ ekwu bejn id-drittijiet tal-partijiet, inkluz il-possibilita' li l-attur seta' forsi jaqla' ftit inqas mill-ħaddiem l-ieħor kollega tiegħu, tali somma ta' €100,652.85 sejra *arbitrio boni viri* tiġi mnaqqsa b'€5,000 għas-somma ta' €95,652.85. Minn din is-somma għandha ulterjorment titnaqqas is-somma ta' €14,540.28 li l-attur kien irċieva bħala benefiċċju mingħand Transport Malta.

B'hekk is-somma issa tammonta ghal €81,112.57.

Jifdal il-kwistjoni imqanqla mill-partijiet dwar jekk fil-kalkoli tagħha sabiex tasal għaċ-ċifra finali li tirraprezenta t-telf ta' ntrojtu attwali tal-attur il-Qorti kellhiex tibbaza fuq iċ-ċifri gross ta' €100,652.85 u €14,540.28 indikati minn Transport Malta fid-dokument a fol 41 jew inkella kellhiex tieħu in konsiderazzjoni d-dħul nett wara li jkun sar kull tnaqqis statutorju.

Il-Qorti hija konxja li l-gurisprudenza hija konfliggenti dwar dan il-punt. Huwa minnu li hemm gurisprudenza, kwotata mis-soċjeta' konvenuta li tiffavorixxi l-kalkoli a bazi tas-somma netta ta' salarju perċepit mid-danneggjat. Iżda hemm ukoll gurisprudenza oħra li timxi a bazi tal-paga gross. Din il-Qorti kif preseduta, kif diġa' kellha okkazjoni tagħmel f'kawzi ta' natura simili timxi in linea mas-salarju gross tad-dannegjat għax fil-fehma tagħha mhuwhiex kompitu tal-Qrati li jidhlu huma fil-kwistjonijiet ta' taxxa li strattament jispettaw lill-parti danneggjata u d-Dipartiment tat-Taxxi.

Hekk kif inghad fil-kaz **Ronnie Spiteri et vs Paza Ltd et deciz fid-29 ta' Settembru 2016**[25] -

*"Il-posizzjoni tal-Qrati taghna – din il-Qorti tghid – gustament – hija li l-fattur rilevanti huwa l-gross wage ghaliex it-taxxa fuq id-dhul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali huma rrilevanti ghall-komputazzjoni tal-lucrum cessans billi dawk huma materji li jidhlu fil-kwadru tar-relazzjoni bejn id-danneggjat u l-awtoritajiet fiskali tal-pajjiz izda certament mhux filkuntest tar-relazzjoni bejn id-danneggjant u d-danneggjant."*

Inghad ukoll fil-kaz **Frank Brincat et vs Claudia Camilleri deciz fis-26 ta' Novembru 2010**[26] -

*"Dwar is-salarju tad-decujus ……jista' jinghad li t-taxxa li seta kien qed ihallas jew li kien ghad fadallu jhallas il-mejjet m'ghandiex tittiehed in konsiderazzjoni. Fil-kawza "**Laura Formosa et vs Emanuel Spiteri et**" deciza minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-28 ta'April 2005 saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Muscat vs Schembri**" deciza fis-27 ta Jannar 1972*

[25] Rik Gur 153/08
[26] Rik 1663/1995

*fejn intqal li "l-income tax li seta hallas id-decujus ossia d-danneggiat hi affari bejnu u l-gvern li fiha l-obbligat ma jidholx. Bl-istess mod f'"**Micallef vs Cassar**" deciza fl-10 ta' Mejju 1982 intqal li "l-kontribuzzjonijiet li seta ghamel id-danneggiat ghan-National Insurance m'ghandhomx jitnaqqsu mill-paga."*

**B'hekk u fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi li t-total tas-somma li għandha tingħata lill-attur biex tirraprezenta t-telf tal-introjtu tiegħu fil-perjodu li huwa dam barra mix-xogħol wara l-inċident hija ta' €81,112.57 u dan in rispett tal-prinċipju li l-attur soggett għas-sinistru jitqiegħed fi** *status **quo ante*** **l-inċident.**

ii) Dwar **l-ispejjez tat-terapija** l-attur jikkontendi li hu għandu jieħu s-somma ta' €1,700. Dan bazat fuq perjodu bejn Gunju 2012 u April 2015, kull ħmistax bir-rata ta' €25.

Minn naħa l-ohra l-konvenuti jgħidu li dan l-ammont m'għandux jiġi akkordat għax il-fizjoterapista għadu ma ħarigtx kont u wisq anqas għadu tħallas.

Il-Qorti tqis dawn il-fatturi:

a. Ma hemm ebda dubju li l-attur kien kostrett jirrikorri ghal sessjonijiet ta' fizjoterapija in segwitu għall-inċident, liema sessjonijiet, kif xehed il-fizjoterapista Tonio Agius stess bdew meta l-attur kien għadu l-isptar;

b. Minn wara l-inċident f'Mejju 2012 sa April 2015 l-attur kien għadu jattendi għal sessjonijiet ta' fizjoterapija kif konfermat minn Agius;

c. Agius xehed li lill-attur kien jarah *"bejn wiehed u iehor kull hmistax*[27]*"* mela mhux necessarjament dejjem rigorozament kull hmistax. Il-fizjoterapista ma kienx f'qagħda jgħid kemm il-sessjoni kellu mal-attur għax ma jzommx *record*;

d. Ir-rata ta' hlas dikjarata mill-fizjoterapista stess hija ta' €25 kull sessjoni;

e. Jitrizulta li l-unika raguni il-għala l-fizjoterapista għadu ma thallasx hija li meta huwa ma jibqax jagħti servizz lill-pazjent huwa jagħti *global fee*. Dan ifisser li sal-10 t'April 2015 l-attur kien għadu qed jattendi sessjonijiet għand il-fizjoterapista iżda mhux magħruf meta u jekk eventwalment spiċċcawx dawn is-sessjonijiet.

**Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti sejra *arbitrio boni viri* tnaqqas is-somma mitluba għal €1,400 bħala spejjez tal-fizjoterapija.**

iii) Dwar **l-ispejjez medici** mitluba, l-attur esebixxa numru ta' ricevuti dwar spejjez medici li nkorra[28] iżda ddikjara fis-sottomissjonijiet tiegħu li hu kien fadallu jiehu biss €83.33 peress li l-bqija kienu gew rimborsati mis-soċjeta' assikurattiva tiegħu Laferla Insurance[29].

Il-konvenuti jopponu ghal din it-talba ghax fil-fehma taghhom l-atturi ma gabu ebda prova li dan l-ammont huwa effettivament dovut.

Effettivament il-Qorti tinnota li l-unika prova li l-atturi gabu dwar din it-talba huwa skambju ta' emails li ghaddew bejn is-socjeta' assikurattiva konvenuta u dik tal-atturi a fol 136 *et seq* fejn f'email datata 7 ta' Novembru 2012[30], Robert Baldacchino, General Manager ta' Laferla Insurance Agency, kien kiteb lir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Citadel Insurance u qal li *"The amount of*

[27] Fol 110
[28] Fol 76-105
[29] Fol 201 – Nota ta' Sottomissjonijiet
[30] Fol 140-141

*€5,929.33 is due to us and another €83.33 is due directly to Mr Spiteri since he has exhausted his limits under his health insurance policy."*

Din it-talba ma jistax jingħad li giet sostanzjata. Filwaqt li l-attur esebixxa numru ta' riċevuti li jeċċedu ferm it-€83.33 mhuwhiex ċar liema minnhom, jekk kien il-kaz, huma it-€83.33 li ma ġewx koperti mis-soċjeta' assikurattiva tagħhom. Ċertament li kien jispetta lill-atturi juru liema riċevuti jkopru din is-somma. Fin-nuqqas ta' dan din it-talba mhijiex ser tintlaqa'.

**Total Damnum Emergens - €82,512.57**

**LUCRUM CESSANS**

Qabel kull konsiderazzjoni ohra l-Qorti sejra tindirizza l-argument imressaq mill-konvenuti fejn qegħdin jistiednu lil din il-Qorti ma tillikwidax *lucrum cessans* a favur l-atturi in kwantu fil-fehma tagħhom il-korriment li sofra l-attur ma kkawza ebda tnaqqis jew pregudizzju ieħor għall-kapacita' lavorattiva tiegħu. Anzi, skont il-konvenuti, jirrizulta li d-dħul tiegħu żdied sostanzjalment wara l-inċident *de quo*. Huma jsostnu li l-intenzjoni tal-legislatur fl-artikolu 1045 tal-Kap 16 hija li kwalunkwe kumpens għal debilita' permanenti jingħata fuq bazi li d-danneggjat jirriskontra telf fil-qliegħ futur. Jekk tali element ma jirrizultax, allura skont il-konvenuti m'hemm ebda *lucrum cessans* x'jiġu likwidati. Ghalhekk fiċ-ċirkustanzi tal-kaz huma jargumentaw li la fuq ammissjoni tiegħu stess il-qliegħ tal-attur awmenta, oltre d-*damnum emergens* ma hemm ebda lok ta' reintegrazzjoni ulterjuri fl-istat li kieku kien ikun l-attur kieku s-sinistru ma seħħx.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid li hija ma tikkondividix mal-argument tal-konvenuti.

Fl-ewwel lok issir referenza għall-prinċipji gurisprudenzjali in materja.

Fil-kaz **Maria Debono vs Andrew Vaswani deċiz fit-3 t'Ottubru 2013**[31] il-Qorti qalet li -

*"Huwa wkoll indikuss illi f' kazijiet konsimili l-principju konsegwit hu dak tar-restitutio in integrum, fis-sens illi "l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn" ("**Borg pro et noe –vs- Muscat**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar 1973);*

*Fl-istat attwali ta' l-izvilupp gurisprudenzjali taghna l-gudikant ma ghandux ghalfejn jaqa' fuq il-kriterju ekwitattiv ta' l-arbitrio boni viri, cjoe li jiffissa somma ex aequo et bono minghajr kriterju specifiku, meta bilghajnuna ta' metodu prattikabbli giet mill-Qorti stabbilita` formula dwar il-kalkolu tal-kumpens jew somma ghaddanni sofferti. Dan kif traccjat fis-sentenza "**Michael Butler –vs- Peter Christopher Heard**", Appell Civili, 22 ta' Dicembru 1967, ormai locus classicus fuq is-suggett. Cionostante l-formula f' din id-decizjoni stabbilita, gie xorta wahda ritenut illi "margini ta' latitudni diskrezjonali irid dejjem jithalla lill-gudikant" ("**Bugeja –vs- Borg**", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983);*

*Tali diskrezzjonalita` jidher li giet adoperata fil-kaz tal-multiplier ("**Kevin Agius –vs- Colin Murphy**", Qorti tal-Kummerc, 23 ta' Marzu 1990) billi din ma baqghetx marbuta ma' massimu ta' ghoxrin (20) sena "working life expectancy", kif ukoll fir-rigward tal-"lump sum percentage deduction" ("**Mark Caruana –vs- Grazio Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1993);*

*Dan premess, u biex tinghata twegiba ghall-kritika talkonvenut, hemm sa certu punt qbil illi "dak li jrid jigi stabbilit mhuwiex grad ta' inkapacita` f' sens purament mediku izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq ilqligh tad-danneggjat" ("**Butler –vs- Heard**"). Kif spjegat fid-decizjoni "**Vincenza Vella***

[31] Rik 48/94

***Dalmas –vs- John Ghigo et**”, Appell Civili, 5 ta' Frar 1980, "il-fatt li sa issa ghadha mpjegata bhal qabel ma ghandux inaqqas mid-dritt taghha ghal kumpens ghaliex il-menomazzjoni li ghandha ghad tfixkilha fl-impjieg taghha u ma tista' qatt tkun au pair ma' impjegati ohra fl-istess kategorija. Din il-menomazzjoni tincidi b' mod rilevanti fuq il-patrimonju taghha";*

*Gie in fatti osservat illi "d-dizabilita` timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta' ghazla huwa ta' zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta' opportunitajiet ta' qligh ahjar f' xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita` fizika ..." ("**George Gatt – vs- Francis E. Carbone nomine**". Appell, 7 ta' Lulju 1998);*

*Kritika konsimili ghal dik sollevata mill-konvenut fis-sens li d-dizabilita` ma ncedietx fuq il-hajja lavorativa ta' l-attrici giet, kif fuq gja illustrat, diversi drabi konsiderata mill-Qrati taghna. F' decizjoni recensjuri l-Qorti ta' l-Appell b' mod mill-aktar enfatiku irriteniet illi "hu ormai stabbilit illi ssottomissjonijiet ta' din ix-xorta ma kellhom l-ebda bazi guridika. Jekk xejn ghaliex jispostaw il-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni mill-effetti materjali u diretti talhsara li l-persuna tkun sofriet bhala konsegwenza ta' lincident ghac-cirkostanzi materjali ta' kif id-danneggjat isib ruhu, anke fil-futur, imma li kienu estraneji ghall-istess incident u indipendenti minnu" – "**Carmelo Galea –vs Albert Mizzi et nomine**", Appell, 23 ta' April 2001;*

*Fiha ssokta jinghad dan. "Il-Qorti kellha necessarjament tillimita l-konsiderazzjoni taghha ghall-kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-dannaggjat bhala rizultat dirett ta' l-incident kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilita` permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorativa tieghu. Dan mhux biss attwalment fic-cirkostanzi tax-xoghol fejn kien*

*jahdem l attur imma wkoll potenzjalment f'kull attivita` ohra lavorativa ghalih miftuha.";*

Fil-kaz **Nazzareno Abela vs CMA CGM s.a et deċiz fil-11 ta' Jannar 2018**[32] ingħad hekk-

*"Fir-rigward tad-dizabilita permanenti intqal illi:*

*"dak li jrid jigi stabbilit mhuwiex grad ta' inkapacita` f' sens purament mediku izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat" ("Butler –vs- Heard"). Kif spjegat fid-decizjoni "Vincenza Vella Dalmas –vs- John Ghigo et", Appell Civili, 5 ta' Frar 1980, "il-fatt li sa issa ghadha mpjegata bhal qabel ma ghandux inaqqas mid-dritt taghha ghal kumpens ghaliex il-menomazzjoni li ghandha ghad tfixkilha fl-impjieg taghha u ma tista' qatt tkun au pair ma' impjegati ohra fl-istess kategorija. Din il-menomazzjoni tincidi b' mod rilevanti fuq il-patrimonju taghha."*

*Gie in fatti osservat illi "d-dizabilita` timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta' ghazla huwa ta' zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta' opportunitajiet ta' qligh ahjar f' xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita` fizika ..." ("George Gatt – vs-Francis E. Carbone nomine". Appell, 7 ta' Lulju 1998) ."*

*Il-konsiderazzjonijiet li trid taghmel il-Qorti huma limitati ghal:*

*"kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-dannaggjat bhala rizultat dirett ta' l-incident kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza taddebilita` permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorativa tieghu. Dan mhux biss attwalment fic cirkostanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma wkoll potenzjalment f'kull attivita` ohra lavorativa ghalih miftuha."*

[32] Rik 780/07

*Pero gie ritenut ukoll illi danni permanenti li jgibu bhala rizultat u konsegwenza motiv ta' misthija u telf ta' joie de vivre jincidu wkoll fuq l-aspettattivi tax-xoghol tal-persuna li ssofrihom, u li apparti l-konsiderazzjoni mil-lat jew grad ta' inkapacita` ghax-xoghol wiehed irid iqis ukoll il-kumpless tal-konsegwenzi delatarji li d-dannu jhalli fuq il-persuna skont cirkostanzi personali taghha."*

Mir-rizultanzi proċesswali huwa paċifiku li filwaqt li fis-sena ta' qabel l-inċident u ċioe' fl-2011 l-attur qala' €75,015[33] bħala ntrojtu gross, sentejn wara l-inċident fl-2014 l-introjtu tal-attur żdied ghal €93,715[34]. Iżda fil-fehma tal-Qorti dan ma jissarrafx awtomatikament f'dak li qed isostnu bħala tezi l-konvenuti li allura l-attur ma kellu ebda mpediment għal-introjtu tiegħu b'rizultata tad-dizabilita' permanenti. Anzi rrizulta ċar anke minn dak li kkonstata l-espert mediku li d-dizabilita' permanenti li sofra l-attur għadha timpedih milli jgħawweg irkopptu sew fost oħrajn. Tenut kont it-tip ta' xogħol li jagħmel l-attur li neċessarjament jirrikjedi ċertu saħħa, flessibilita' u moviment kontinwu fit-twettiq ta' dmirijietu, il-Qorti tirrileva li, jekk l-attur, bid-dizabilita' li ssubixxa rnexxielu jaqla' aktar fil-perjodu sussegwenti għall-inċident, mela kemm potenzjalment seta' jzid l-introjtu tiegħu mill-mestjier tiegħhu stess (indipendentement minn jekk huwa setax jagħmel xogħhol ieħor band'ohra jew le)  li kieku ma kellux dik id-dizabilita' u allura kien ikun probabilment f'qagħda li jaħdem anke aktar. Dan magħdud mal-fatt li kif xehed l-attur stess meta huwa daħal lura għax-xogħol, huwa seta' jagħmel dan bl-għajnuna ta' ohrajn – *"Ahna nahdmu fi gruppi fuq il-post tax-xoghol, u kieku llum ma nsibx l-ghajnuna ta' shabi specjalment tat-tifel tieghi Elvin li hu wkoll port-worker u jahdem mieghi, ma nkunx kapaci naghmel ix-xoghol kollu li jinghatali[35]."*

[33] Fol 73
[34] FS 3 a fol 75
[35] Fol 67

Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li anke fil-kaz odjern ma hemm ebda ostaklu fil-ligi sabiex jiġi debitament likwidat *lucrum cessans* a favur l-attur u sejra tgħaddi għad-debita likwidazzjoni:

a. Dwar il-**persentagg ta' dizabilita',** filwaqt li l-konsulent *ex parte* Mr Anthony Bernard kien ikklassifika d-dizabilita' permanenti tal-attur għal 10%, l-espert mediku tal-Qorti Mr Charles Grixti wasal għall-konkluzjoni li d-dizabilita' tal-attur hija **5%.**

Fl-ewwel lok jingħad li Mr Grixti ezamina lill-attur sentejn wara l-inċident u żmien wara li kien diġa' ħejja r-rapport Mr Bernard b'dana li probabilment l-attur, anke bi progress li sar bil-fizjoterapija, dan kien laħaq ghamel xi progress. Inoltre, dwar il-piz probatorju tal-konstatazzjonijiet ta' periti esperti nominati minnha ġie ritenut kostantement mill-gurisprudenza nostrali, li għalkemm Qorti mhijiex marbuta tadotta l-konkluzjonijiet ta' rapport peritali, madankollu hija m'għandhiex b'mod legger tiskarta tali rizultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn esperti fil-qasam mqabbdin apposta biex jezaminaw materja medika bħal ma hu l-kaz odjern.

Fil-kaz fl-ismijiet **Noel Pisani et pro et noe vs Adam Bartolo deċiz minn din il-Qorti diversament preseduta fit-12 t'April 2016**[36] elenkat il-prinċipji rilevanti f'dan il-kuntest:

*"Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza* ***"Calleja vs Mifsud"****, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*'Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx*

[36] Cit Nru 13/06 JZM

*obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

*In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami (“**Grima vs Mamo et noe” –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)***.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ( ara - “**Cauchi vs Mercieca” –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999* ***; “Saliba vs Farrugia*** *” – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 ; “**Tabone vs Tabone et**” – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; “**Calleja noe vs Mifsud**” – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u **“Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et”** (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta' Dicembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et" –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967)."*

**Għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti sejra tadotta l-persentagg ta' 5% bħala dak li jirraprezenta d-dizabilita' permanenti tal-attur.**

b. Dwar **il-multiplier**, jirriżzulta li l-attur twieled fit-23 ta' Mejju 1961[37] u fid-data tal-inċident kellu 51 sena. Kif ingħad, il-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġriehi, u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal ghall-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. A bazi tac-*chart* citata minn din il-Qorti stess fis-sentenza taghha **Michael Busuttil vs Magdalena Abela deciza fit-30 ta' Mejju 2016**[38] il-*multiplier* ghandu jkun ta' **hdax (11) il-sena**, tenut kont tal-età tal-attur fi zmien l-inċident, tal-*working life expectancy* u liema *multiplier* qiegħed ukoll jagħmel tajjeb għall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

c. Għal dak li huwa **salarju**, u għar-ragunijiet diġa' mogħtija ser jigi meqjus id-dħul gross tal-attur li kien[39]-

2010 - €75,154

2011 – €75,015

[37] Fol 31
[38] Rik Gur 118/14
[39] Fol 73 et seq

2014 - €93,715

Id-dhul medju għal dawn is-snin kien ta' ċirka €81,294. Ħadet ukoll in konsiderazzjoni ż-żidiet li ngħataw għall-għoli tal-ħajja matul dawn l-aħħar snin partikolarment mill-inċident *de quo* 'il quddiem u b'konsegwenza ser izzid is-somma bl-ammont ta' €240 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*.

**B'hekk il-qliegh annwali ser jigi kalkulat fuq €81,534.**

d. Għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minħabba li l-ħlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-kawza nfetħet f'inqas sentejn wara l-inċident u s-sentenza qegħda tingħata erba' snin wara li gew intavolati dawn il-proċeduri.

Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li **t-tnaqqis għandu jkun ta' 16%.**

L-ammont dovut lill-atturi bhala ***lucrum cessans*** sejjer għalhekk jigi kalkulat kif ġej:

**€81,534 x 5% x 11 = €44,843.70 – 16% = €37,668.71**

**TOTAL: Damnum Emergens €82,512.57 + Lucrum Cessans €37,668.71 = €120,181.28 (mija u ghoxrin elf, mija u wiehed u tmenin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu.**

**Ghar-ragunijiet suesposti it-tieni u t-tielet talba tal-attriċi sejra tintlaqa skont kif appena deċiz u l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti riferibbli għal dawn it-talbiet ser jiġu respinti.**

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-KAP TAL-ISPEJJEZ

It-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti tgħid hekk -

*"Fit-tielet lok u wkoll minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-eccezzjonijiet hawn imressqin lanqas m ghandhom l-intimati jissaportu l-ispejjez tal-kawza odjerna tenut kont li kien biss minhabba l-fatt li l-assikurazzjoni tal-attur irrifjutat li tghaddi lis-socjeta' intimata Citadel Insurance plc id-dokumentazzjoni kollha minnha mitluba li l-atturi ma thallsux ta' kwalunkwe danni ulterjuri allegatament sopportati minnhom."*

Huma jressqu dawn l-argumenti[40] –

a. *il-kawza ġiet intavolata mingħajr l-attur m'għamel ebda tentattiv biex jirrizolvi l-vertenza bonarjament u li kieku għamel l-inqas sforz kien probabbli jieħu kumpens xieraq tad-danni minnu sofferti.*

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Jigi sottolineat li l-atturi kienu għamlu aktar minn tentattiv wieħed biex jinterpellaw lill-konvenuti sabiex jersqu għall-likwidazzjoni ta' danni. Huwa minnu li l-ittra uffiċjali tal-**11 ta' Frar 2014**[41] li fiha għall-ewwel darba ġie kwantifikat f'ammont pekunarju id-dannu pretiż mill-atturi giet prezentata gurnata biss qabel ma ġiet intavolata l-kawza iżda mportanti jingħad li dan ma kienx l-ewwel tentattiv li sar mill-attur versu l-konvenuti biex javvanza l-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward tad-danni sofferti

[40] L-ewwel argument marbut mal-prezenza tal-konvenuti Ryan Farrugia u Samuel Costa fil-kawza diga' gie respint aktar 'il fuq
[41] Fol 20

fuq saħħtu. Infatti f'inqas minn xahrejn wara l-inċident *de quo* u cioe' fil-**21 ta' Gunju 2012**[42] l-attur kien diġa' bagħat l-ewwel ittra bl-avukat lill-konvenuti Samuel Costa u Ryan Farrugia, u kkupjata lis-soċjeta' konvenuta Citadel Insurance plc fejn interpellahom jersqu għall-likwidazzjoni u *"hlas tad-danni kollha*[43]*"* sofferti minnu u ċioe' l-*"korriment fuq il-persuna tieghu*[44] *minbarra danni fil-mutur minnu misjuq".* Sena wara, fl-**4 ta' Novembru 2013**[45] l-attur bagħat ittra ufficjali lill-konvenuti fejn rega' interpellahom jersqu għall-likwidazzjoni tad-danni għax il-korriment fuq persuntu "*wassal ghal dizabilita' permanenti*". Għal dawn l-ittri ma kien hemm assolutament ebda reazzjoni da parti tal-konvenuti tant li ma jirrizulta li rrispondew ebda waħda minnhom. Dan idgħajjef ukoll l-argument li s-soċjeta' konvenuta li hi kienet qed tistenna dokumentazzjoni li ssostni l-*claim* tal-attur dwar id-dizabilita' tiegħu. L-uniku qbil li kien sar kien dwar danni kien għall-hlas tal-ispejjez tal-mutur tal-attur.

Għar-ragunijiet imsemmija il-Qorti lanqas ma tqisx lit-tezi mressqa mir-rapprezentant tas-soċjeta' konvenuta Jennifer Gatt fir-rigward bħala waħda gustifikabbli biex jiskolpaw lill-konvenuti milli jagħmlu tajjeb għall-ispejjez tal-kawza. Inoltre kwalunkwe trattativi li kienu saru fil-frattemp mas-soċjeta' assikurattiva Laferla kienu biss dwar somma fissa li tirraprezenta ħlasijiet mediċi li kienu dovuti għall-*injury* tal-attur u xejn aktar. Infatti fix-xhieda tagħha Gatt stess irrikonoxxiet li għal dak li jirrigwarda *personal injury* fuq il-persuna huma normalment jitrattaw direttament mal-parti danneggjata[46].

Ma hemm ebda raguni valida għalhekk biex din l-eċċezzjoni tiġi akkolta.

b. *Intempestivita' tal-azzjoni*

---

[42] Fol 69
[43] Sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[44] Sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[45] Fol 72
[46] Fol 166

Il-konvenuti jargumentaw li l-ewwel darba li l-attur illikwida l-pretensjonijiet tieghu kien lejliet il-gurnata li fiha ntavola l-kawza u għalhekk skont l-istess konvenuti mhux minnu li hu kien interessat jitratta magħhom għal soluzzjoni bonarja.

Il-Qorti diga' ghamlet ir-rimarki tagħha dwar dan il-punt. Il-konvenuti kienu ilhom avzati bil-pretensjoni tal-atturi, anke jekk mhux fi *quantum* speċifikat sa minn ftit zmien biss wara l-inċident mela huwa inutli li jibqgħu jgibu l-iskużi fir-rigward.

c. *L-attrici ma sofriet ebda danni*

Skont il-konvenuti la l-attriċi ma kinitx involuta fl-inċident *de quo*, għalkemm xorta tinsab fil-kawza, dan il-fatt għandu jittieħed in konsiderazzjoni fl-ispartizzjoni tal-ispejjez.

Fil-fehma tal-Qorti dan l-argument ma jwassal imkien għal dak li jirrigwarda spejjez in kwantu l-prezenza tal-attriċi fil-kawza għal kull interess li jista' jkollha la jzid u lanqas inaqqas l-ispejjez tal-kawza. L-atti kollha prezentati mill-atturi saru konguntivament u l-istess jingħad għall-konvenuti. Mela ma hemm ebda pregudizzju għal xi parti għal dak li jirrigwarda spejjez.

Il-konkluzjoni tal-Qorti hi li fiċ-ċirkustanzi l-ispejjez tal-kawza għandhom jitħallsu mill-konvenuti.

## E. KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMGHAX

Il-konvenuti jargumentaw li l-imgħax mitlub mill-atturi għandu jibda għaddej mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Frar 2014 sal-jum tal-ħlas

effettiv u mhux mid-data tal-prezentata tal-ittra msemmija kif indikat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom.

Ingħad hekk fil-kaz **John Galdes noe vs Godwin Abela noe deċiz fit-28 t'April 2003**[47] -

*"Kif rilevat f'numru ta' decizjonijiet "una volta s-socjeta` konvenuta kienet qed tikkontesta r-responsabilita` ghall-hlas ta' dan lammont, hu gust li, bl-applikazzjoni tal-principji generali tad-dritt, l-imghaxijiet jithallsu minn dakinhar ta' l-interpellazzjoni ufficcjali ghall-pagament li sar bin-notifika lid-debituri ta' l-att tac-citazzjoni." ("**Formosa & Camilleri Ltd noe et -vs- Sea Malta Company Limited**", Appell, 12 ta' Gunju 2000)."*

U fil-kaz **Dr Simon Micallef Stafrace noe vs Adrian Mifsud et noe deċiz fid-9 ta' Dicembru 2002**[48] il-Qorti kompliet hekk -

*"In linea ma' gurisprudenza affermata dawn ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kif hekk rilevat minn din is-socjeta'."*

*Issir ukoll riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 fil-kawza "**Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe**". Hemm inghad illi l-mghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju. Inghad ukoll illi sabiex jiddekorru l-imghaxijiet, l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta` ammont ta` flus u mhux semplici ntimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq l obbligi kontrattwali tieghu.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk :-*

*' … kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili "l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju". B`aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli nteressi deve*

[47] Cit Nru 1482/93

[48] Cit 105/93

*essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucre e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" (****"O`Connor –vs- Bruno Olivier"****, Vol XVI pI p84).'*

Fuq dan il-punt għalhekk il-Qorti tagħti raġun lill-konvenuti u konsegwentement l-imgħax għandu jibda għaddej mill-20 ta' Frar 2014 meta saret in-notifika[49].

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lill-konvenuti unikament responsabbli għall-inċident stradali fuq deskritt li seħħ fit-2 ta' Mejju 2012 għall-habta ta' 7.20am f'Telghet Kordin, Paola, u għall-korriment konsegwenzjali soffert mill-attur;**

**3. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida s-somma ta' mija u għoxrin elf, mija u wieħed u tmenin Ewro u tmienja u għoxrin ċentezmu (€120,181.28) bħala danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' dan l-inċident stradali;**

**4. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi din is-somma hekk likwidata;**

**5. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti solidalment bejniethom u bl-imgħax li jibda jiddekorri mill-20 ta' Frar 2014.**

---

[49] Fol 20

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reg.**